# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru sitta u sittin (66) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 1 ta' Frar, 2011 fis-6:45pm fil-bini amministrattiv tal-kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻATA: | Grace Marie Mallia | Kunsillier |

1. Grace Marie Mallia kienet talbet permezz ta' *e-mail* li din il-**laqgħa ssir f'ġurnata oħra** sabiex hi tkun tista' tattendi iżda s-sindku rrisponda li minħabba l-importanza li din il-laqgħa isseħħ, dan ma kienx possibbli. Għaldaqstant il-KLM ikkunsidra li hija tiġi skużata kif fil-fatt ġiet.

2. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

3. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu meħuda bħala moqrija għaliex kienu ċċirkulati mis-segretarju eżekuttiv qabel din is-seduta permezz ta' *e-mail*, sarulhom l-emendi li xtaqu l-kunsillieri, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti.**

4. Is-sindku informa lill-kunsill illi l-kuntrattur tal-KLM, ***Asfaltar Ltd*** **beda x-xogħol fuq il-mejnijiet** ta' Triq Dun Ġiacomo Tortella, Ġużeppi Galea u s-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija f'dawn l-inħawi, permezz ta' kuntrattur ieħor, *JAJ Ltd*. Dan sar wara talba lis-*Survey Office* tal-*MEPA* biex jagħtu l-punti u l-linji f'toroq li qatt ma kienu mibnija s'issa fejn għad iridu jsiru anke l-bankini. Immedjatament wara dan ix-xogħol il-kuntrattur se jkun impenjat iwettaq l-istess xogħolijiet fi Triq Annetto Caruana.

5. Biex il-KLM ikun jista' japplika għall-fondi li hemm eżistentement fil-**Fond għat-Titjib Urban**, minkejja li diġà kienet mimlija l-applikazzjoni, din trid tkun akkumpanjata minn stima tal-perit. Il-Perit Bezzina kien għamel l-**istimi fl-2005** u wara li nqalgħu mill-arkivji, is-segretarju eżekuttiv innota li dawn għadhom bil-Liri Maltin flok bl-Ewro. Intant is-segretarju eżekuttiv ta l-parir biex **dawn ikunu reveduti** u jkunu jirriflettu r-rati l-ġodda ta' *Char Construction*. Dwar dawn ix-xogħlijiet, Nicholas Briffa qal li dak iż-żmien Triq il-Fjuri u l-isqaqien ma kienux se jsiru b'materjal wieħed għaliex kien antiċipat illi jintużaw kemm it-tarmak kif ukoll il-*patterned concrete.*

6. Dwar l-iżviluppi li qed iseħħu fil-bidla mill-Kumitat Konġunt tal-Infurzar tal-Liġi Żurrieq għal dak Reġjonali, is-**sindku u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mal-Uffiċjal Awtorizzat il-ġdid**, is-Sur Anthony Borg Caruana nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2011. Infatti hu talab il-**proposti tal-KLM li saru mis-segretarju eżekuttiv u ntbagħtu** lilu bil-kunsens tal-kunsillieri peress li dawn jindikaw postijiet sensittivi fir-raħal fejn naħsbu li hemm lok għal titjib fiż-żamma tal-ordni f'dik li hija indafa (b'rimi ta' skart) u wkoll biex inbiegħdu l-periklu f'dawk li huma kontravenzjonijiet tat-traffiku. Intant l-offerta għall-ħatra ta' gwardjani lokali fir-reġjun li kienet maħruġa mill-istess Kumitat Reġjonali tinsab fil-fażi li tkun aġġudikata u t-tellieqa tinsab bejn il-kumpaniji ***Aurelia*** **u l-*Guard and Warden***. Kien innotat illi *Sterling Security* mhux interessat f'din l-offerta minkejja li ilu jaħdem fl-irħula tagħna għal bosta snin. Is-sindku qal li hu ttamat illi dan ir-reġjun jibda jaħdem fir-rigward tal-*pooling* tal-gwardjani lokali minn April 2011.

7. Kien diskuss l-***embellishment* ta' Ġnien il-Ġibjun,** li fil-jiem li għaddew twaħħlet fih lampa solari minn *Alberta Fire and Security*, liema lampa s-sindku qal illi għandha t-*timer* tagħha mhux issettjat sew. Madankollu, issa jinħtieġ illi l-kuntrattur *Kargo Aluminium* jaqtagħlna l-fallakki biex jitwaħħlu mal-istruttura li l-qafas tagħha kien imwaqqaf mill-ħaddiema tal-*IPSL*.

8. Is-sindku qal li s'issa għadna mingħajr risposta mill-uffiċjal inkarigat mir-*runway* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, l-Ing Martin Dalmas, dwar il-proposta tal-KLM biex isir xogħol ta' **tindif u twaqqiegħ ta' ħajt tal-kantun fi Triq tas-Sejba.**

**AĠENDA**

9. B'riferenza għall-**appell li fetaħ is-Sur Ghigo** kontra l-Kunsilli Lokali tal-Imqabba u dak ta' Ħal Safi, il-viċi sindku qal illi hu ma qabilx mad-deċiżjoni li minflok li jkun maħtur *Decision Board* wieħed kompost minn numru ta' kunsillieri, l-offerta tkun deċiża fil-kunsilli lokali rispettivi. Dwar dan is-segretarju eżekuttiv qal li b'hekk konna se neskludu awtomatikament xi kunsillieri milli jieħdu d-deċiżjoni. Minn naħa l-oħra is-segretarju eżekuttiv informa 'l kunsillieri illi intalbet informazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi u Investiment wara illi d-Dipartiment tal-Kuntratti qalu li dan il-każ ma setgħax jinqata' minnhom. Dan filwaqt illi għad m'għandniex deċiżjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali minkejja li tlaqqa' l-bord u ntalbet informazzjoni simili minnhom.

10. Is-segretarju eżekuttiv informa 'l kunsillieri illi **l-pagament mill-kuntrattur tal-KLM lill-Vince Attard** għal ħsarat li ġarrab dan tal-aħħar meta kien qed isir xogħol ta' toroq minn *Asfaltar Ltd* għall-KLM ftit 'l hemm mir-residenza tiegħu, u tħassarlu l-*computer*, issa sar u l-istess Attard se jkun mitlub jiġi għal din ir-refużjoni fl-uffiċċji tagħna.

11. Bi tħejjija għal-**laqgħa pubblika** saru l-*posters* u se jitqassmu fil-ħwienet u din se tkun reklamata f'kull dar fil-fuljett 'Minn Fuq l-Għatba tal-Kunsill'. Is-sindku, filwaqt li rringrazzja lill-kunsillieri talli bagħtu l-artikli tal-ħarġa li jmiss tal-fuljett fil-ħin, qal illi se jkun muri filmat bix-xogħol tal-KLM nhar id-9 ta' Frar 2011, fl-Isptar il-Qadim, il-post li fih se tinżamm din il-laqgħa biex jiġu diskussi punti ta' importanza, qabel ma jkunu approvati l-**Estimi Finanzjarji 2011**. Is-sindku irrakkomanda wkoll illi l-istampar tal-fuljett tal-ħarġa li jmiss isir għand *Best Print Co Ltd*, (li mal-proposta qablu wkoll unanimament il-kunsillieri) qabel ma kienet aġġudikata l-kwotazzjoni tal-istampar li sar ukoll lejn tmiem is-seduta.

12. Għall-mistoqsija tas-sindku, jekk għamilx ir-reklam tiegħu ***Kargo Aluminium,*** is-segretarju eżekuttiv wieġeb illi s'issa ma kien hemm l-ebda reklam mingħand din il-kumpanija /fornitur tal-KLM.

13. It-***tokens*** lil dawk imsemmija fil-minuti tas-seduta preċedenti, li taw sehemhom fl-attività 2010, bl-isem L-**Imqabba mal-Medda taż-Żmien** se jkun inkarigat minnhom il-viċi sindku liema proposta nefqa kienet approvata mill-kunsillieri unanimament biex isiru għand *Horace Enterprises.*

14. Il-KLM laqa' l-applikazzjoni tal-użu tal-Isptar il-Qadim biex fih tinżamm **wirja ta' pittura** mir-residenta Olandiża Annamarie Hoogvliet Weijers fi żmien l-Għid. Madankollu se jsiru iżjed kuntatti dwar il-loġistika ta' din il-wirja peress li se jintużaw kmamar differenti milli kienu fil-fatt intużaw madwar xi tliet snin ilu, meta l-istess artista kienet esebiet ukoll ix-xogħlijiet tagħha fl-Isptar il-Qadim.

15. Wara li s-suġġett kien diskuss fi ħdan il-KLM fis-seduta preċedenti, il-kunsillieri qablu illi nhar il-Ħadd, 27 ta' Frar, 2011, jiltaqgħu barra z-zuntier tal-Knisja Parrokkjali għall-ħabta tat-8:30am (sa 12:00pm) biex ikellmu lil kull min ikun se jattendi l-Quddies dwar **il-ħtieġa aktar tas-separar tal-iskart.** Għal din l-attività se jsir avviż u se nippruvaw ninvolvu xi tfal, li issa ingħataw il-*green flag* għall-isforzi li għamlu fil-qasam ambjentali, tal-Kulleġġ San Benedittu

Skola Primarja Mqabba, biex jipparteċipaw magħna. Is-sindku ssuġġerixxa wkoll illi nippruvaw ninvolvu l-*kids clubs* li ż-żewġ każini tal-banda appuntaw dan l-aħħar. Is-sindku qal illi se jkun hemm fostna wkoll uffiċjali tal-*Greenpak.*

16. Il-**laqgħa tal-KLM li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar, 2010** għaliex is-sindku ma jistax jippresjedi it-Tlieta (il-ġranet li normalment issir fihom il-laqgħa) u fl-istess seduta l-kunsillieri iddeċidew li jilqgħu **l-istedina** li saritilhom **mill-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju** biex jiltaqgħu magħhom fl-okkażjoni taċ-ċentinarju. Il-ħin se jkun is-6:30pm.

17. Dwar l-***istaff meeting*** li sar ftit tal-jiem ilu, il-kunsillieri sabu kopja tal-minuti lesta fil-garżella tagħhom. Is-sindku rrimarka illi x-xogħol fl-uffiċċju qed jaqa' lura u semma l-minuti tal-KLM, l-ittra li kien irċieva mill-Awtorità tad-Djar kif ukoll meta nhar is-Sibt, 22 ta' Jannar 2011, ħadd mill-iskrivani ma daħal xogħol *overtime*. Intant ġie deċiż illi *e-mails* ma jkunux aktar ipprintjati u jkunu issejvjati *off line* fuq il-*computer* u referuti kollha lill-kunsillieri. Dan minħabba l-akkumulu ta' korrispondenza li qed tinħoloq u l-inkarigu biex din tiġi ffajljata u mdaħħla fil-*file* rispettiv tagħha. Is-sindku u l-kunsillieri qablu lkoll u enfasizzaw li parti mir-responsabbiltà tas-segretarju eżekuttiv huwa wkoll li jassenja u jqassam ix-xogħol fl-uffiċċju. Is-sindku għalaq illi mhux bi ħsiebu jkompli jagħmel xogħol li normalment isir mill-istaff iżda kulħadd għandu jkun aktar responsabbli skond il-kariga li għandu.

18. B'riferenza għall-**kwotazzjonijiet** li nfetħu nhar it-Tlieta, 25 ta' Jannar, 2011 mis-sindku, Paul Spiteri u s-segretarju eżekuttiv, il-KLM iddeċieda illi jagħti l-kwotazzjoni tat-trasport lil **Sammy ż-Żiffa** u dik tal-istampar lil ***Veritas Press*** wara li 'l dan tal-aħħar nitolbuh *sample* tal-karta li se juża u jkun iċċarat li anke l-*artwork* u s-*setting* huma nklużi fil-prezz.

19. Kien imqassam **l-ewwel *draft* tal-Estimi Finanzjarji 2011** lill-kunsillieri mal-aġenda permezz ta' *e-mail*. Nicholas Briffa ressaq amendi biex jidħlu il-€200,000 li wiegħdna l-gvern ċentrali f'fondi speċjali biex inkopru l-programm tat-toroq, wara li kkonferma mas-sindku illi verament se jagħtihomlna. Wara li jinqatgħu l-ispejjeż, il-bilanċ se jiżdied mal-vot dedikat għat-toroq, jiġifieri dak bin-*nominal code* 7501, biex ikun bilanċjat il-baġit. Issemma wkoll l-*allowance* li issa qed jagħti l-gvern ċentrali lill-kunsillieri biex din tidħol fil-vot 1600 u ma tibqax allokata mal-pagi. Kopja oħra se tkun maħruġa aktar 'il quddiem biex nikkonfermaw illi kollox sar kif innotat f'din il-laqgħa fejn hu ttamat li jkun approvat u mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

20. F'punti oħra **kien approvat il-ħlas ta' *Asfaltar Ltd* ta' €56,000** għax-xogħol li wettaq s'issa, liema pagament se jsir immedjatament kif propost mis-sindku sabiex nimxu mal-obbligi tal-kuntratt li għamilna miegħu (*Asfaltar Ltd.*).

21. Dwar xogħol li sar fuq trinek tal-Korporazzjoni Enemalta fi Triq iċ-Ċavi u Triq il-Kileb is-segretarju eżekuttiv ħareġ kont (*invoice)* fuq l-istess korporazzjoni ta' €4,745 li din twasslet għand il-*Manager* tal-korporazzjoni mis-sindku *by-hand* ħalli jsir il-ħlas lilna. Is-sindku qal illi fil-każ tal-permess tal-iskavar ta' gandott tal-pjazza, dan issa jidher li jinsab fi stadju avvanza u se jkun inkarigat minn dan ix-xogħol il-Kuntrattur *Spekna*. Hu fakkar li jrid jitla' *cable* minn mal-faċċata tal-Każin tal-PL filwaqt li l-gandott jimtela' bil-*lean mix*.

22. Kienu approvati l-*payment approval sheets* numri 404 u 405.

23. Għall-proposta li saret lill-kappillan biex organisti barranin idoqqu fuq l-orgni tal-Knisja Parrokkjali wara li saritilna stedina minn *Malta Tourism Authority* u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-sindku avża lill-kunsillieri li għad m'għandniex risposta.

24. Infurmajna formalment lis-**sidien tal-*bars* u lill-bottegini** tal-każini bil-każ tal-***bye-law*** li għaddiet f'isem il-KLM biex ikunu jafu bl-obbligi l-ġodda ta' avviżi fl-istabbilimenti /każini biex ħadd ma' joħroġ **fliexken** (jekk mhux magħluqa u ssiġillati) **u tazzi tal-ħġieġ fit-toroq.** Dan se nagħmluh ukoll mas-sidien tal-kabbani fil-festi meta jiġu japplikaw għall-permessi.

25. Għad m'għandna l-ebda risposta għall-oġġezzjoni tagħna dwar it-**tnaqqis** propost mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali **mill-allokazzjoni finanzjarja** minħabba l-*accounts* tas-sena 2009 kienu ppreżentati tard sakemm kien ingaġġat *accountant* mal-KLM biex kienu mħejjija l-*financial statements* kif riduhom l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur, peress li dawk oriġinali ppreżentati mis-segretarju eżekuttiv ma kienux aċċettati.

26. **Tmexxiet l-*iskip*** li kien hemm fi Triq San Mikiel għal Misraħ il-Fidwa kif propost fil-laqgħa preċedenti tal-KLM.

27. Dwar l-**attività kulturali tas-sena 2011**, jekk il-KLM jeċċedi l-figura ta' €4,000 jkollu jħallashom minn fondi allokati lilu mill-allokazzjoni finanzjarja li jipprovdina biha l-gvern ċentrali għal affarijiet oħra, għaliex il-*grant* tal-gvern se tkun tirrifletti din il-figura.

28. Il-**laqgħa ntemmet fid-9:30pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>____ */02 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |